Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1720

21.6.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1720

tal-20 ta' Ġunju 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1148 fir-rigward tal-kompilazzjoni tal-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/792 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP), tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur b'rati tat-taxxa kostanti (HICP-CT), tal-indiċi tal-prezzijiet tal-abitazzjonijiet okkupati mis-sidien, u tal-indiċi tal-prezzijiet tad-djar.

(2) It-tibdil sinifikanti fil-metodi tal-produzzjoni tal-HICP u tal-HICP-CT jista' jirriżulta f'bidla permanenti u sinifikanti, 'il fuq jew 'l isfel, fil-livell tal-indiċi. Dan imbagħad jirriżulta f'rati ta' bidla annwali distorti għal sena wara li ssir il-bidla. Sabiex jiġu żgurati rati ta' bidla imparzjali, jista' jkun meħtieġ li jiġi aġġustat il-livell tal-indiċi. Aġġustament bħal dan jenħtieġ li jiġi derivat mill-prezzijiet osservati.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-indiċijiet armonizzati jkunu komparabbli, huma meħtieġa kundizzjonijiet uniformi għall-użu tal-aġġustamenti fil-kompilazzjoni tal-HICP u tal-HICP-CT fil-każ ta' bidliet sinifikanti fil-metodi tal-produzzjoni.

(4) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1148 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti (34) u (35) li ġejjin:

"(34) 'Fattur ta' ċaqliq fil-livell' tfisser fattur iddeterminat mill-proporzjon bejn il-bidliet fil-prezzijiet miksuba bl-użu ta' metodi tal-produzzjoni attwali u ġodda, fejn il-bidla fil-prezz titkejjel minn sena kalendarja għall-perjodu ta' referenza tal-prezz, rispettivament:

$$Fattur\ ta'\ ċaqliq\ fil-livell^{t} = \left(\frac{ChI^{y}}{ChI^{\,Dec\,(t-1)}} \Big/ \frac{ChI^{y}_{NEW}}{ChI^{Dec(t-1)}_{NEW}}\right),\ \text{fejn}\ y < t.$$

L-indiċi katina f'Diċembru tas-sena $t-1$, bil-metodu tal-produzzjoni attwali, huwa indikat minn $ChI^{Dec(t-1)}$. Il-medja annwali ta' dan l-indiċi fi kwalunkwe sena kalendarja y qabel is-sena attwali t hija indikata minn ChI^{y}. Bl-istess mod, l-indiċijiet katina, bil-metodu tal-produzzjoni l-ġdid, huma indikati minn ChI_{New}. L-indiċijiet ChI u ChI_{New} jista' jkollhom perjodi ta' referenza tal-indiċi differenti.

(35) 'Aġġustament għal ċaqliq fil-livell' tfisser il-multiplikazzjoni tal-indiċi bil-metodu tal-produzzjoni l-ġdid fl-HICP u fl-HICP-CT, b'Diċembru tas-sena $t-1$ bħala l-perjodu ta' referenza tal-prezz, b'fattur rispettiv ta' ċaqliq tal-livell, li jibda mill-ewwel xahar meta jiġi introdott il-metodu tal-produzzjoni l-ġdid sa tmiem is-sena kalendarja."

([1]) ĠU L 135, 24.5.2016, p. 11, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/792/oj.

(2) Fil-Kapitolu 2, jiddaħħal l-Artikolu 22 li ġej:

"*Artikolu 22*

Applikazzjoni tal-aġġustamenti għal ċaqliq fil-livell

1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw aġġustament għal ċaqliq fil-livell jekk biss l-introduzzjoni ta' bidla sinifikanti fil-metodu tal-produzzjoni, kif definita fl-Artikolu 2(21) tar-Regolament (UE) 2016/792, tirriżulta f'bidla permanenti u sinifikanti, 'il fuq jew 'l isfel, fil-livell tal-indiċi marbut katina.

2. L-aġġustament għal ċaqliq fil-livell għandu jiġi applikat fl-aktar livell dettaljat li fih jistgħu jintrabtu l-indiċijiet ikkalkulati bil-metodi tal-produzzjoni attwali u l-ġodda.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar is-subindiċijiet li għalihom jiġu applikati l-aġġustamenti għal ċaqliq fil-livell u dwar il-valur tal-aġġustamenti fil-mument tal-ewwel trażmissjoni tad-*data* li għaliha jsiru l-aġġustamenti."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN